# Ħidma

## li tħalli differenza



KIRJIET

PROPJETÁ

BUDGET 2019

HOUSING SOĊJALI

ĠUSTIZZJA SOĊJALI

RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KERA

AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

# Introduzzjoni

Il-ħidma fis-settur tal-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli kienet bla waqfien fl-aħħar xhur; għax kif tista ma taħdimx jekk hemm individwi li għal xi raġuni jew oħra waqgħu lura. Iżda l-Baġit 2019 se jtina aktar għodda biex indaħħlu miżuri li jħallu tassew differenza pożittiva fil-ħajja tan-nies. Dan hu xhieda oħra ta' kemm dan is-settur se jkompli jingħata prioritá mill-gvern, wara li l-bagit għal dan is-settur żdied bi kważi €5 miljuni.

F'dawn il-ġimgħat ippubblikajna wkoll White Paper fuq is-Suq tal-Kirjiet. Dan sar wara xhur twal ta' riċerka u konsultazzjoni, u r-riżultat kien wieħed pożittiv li ġie mfaħħar minn kważi kull entitá u *stakeholder.* Dan jagħtina aktar kuraġġ biex indaħħlu l-bidliet li hemm bżonn biex kemm is-sidien kif ukoll il-familji fil-kera jkollhom is-serħan tal-moħħ li jixirqilhom.

Inselli għalikom,

**Roderick Galdes,**
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI





## Sussidju tal-kera aktar b'saħħtu

Matul is-sena li għaddiet, il-gvern għaddha €2.5 miljun f'sussidji tal-kera lil familji bi dħul baxx. Iżda ridna mekkaniżmu li bih inżidu dan il-benefiċċju u biex verament jispiċċa fil-but ta' min qiegħed fil-kera privata. Għall-ewwel darba, il-benefiċċju se jieħu inkonsiderazzjoni bosta aspetti fosthom id-dħul tal-persuna u anke n-nefqa.



## Anke persuni ta’ 40 sena u iktar jistgħu jixtru propjetá

Sfida li kienet qed tikber fl-aħħar snin kienet in-nuqqas ta’ aċċessibiltá li kellhom persuni ta’ 40 sena jew aktar biex jixtru l-propjetá tagħhom. Dan għaliex kien diffiċli biex il-banek lokali jsellfu l-ammont rikjest lil dawn il-persuni.

Għaldaqstant, il-Gvern se jniedi l-miżura ta’ Equity Sharing fejn applikant joħroġ nofs il-prezz tal-propjetá, il-Gvern jiggarantixxi t-tieni nofs, biex imbagħad wara 20 sena l-applikant ikun jista jixtri n-nofs tal-Gvern bl-istess prezz.

# Proġetti ta’ Akkomodazzjoni Affordabbli

Kemm il-bagit kif ukoll il-White Paper fuq il-Kirjiet tidentifika l-bżonn li jkun hawn aktar propjetá bi prezz affordabbli, mingħajr ma tonqos il-kwalitá tal-ħajja. Il-Gvern qed jikkunsidra diversi miżuri, fosthom ir-riġenerazzjoni ta’ postijiet abbandunati biex minflok isiru proġetti ta’ housing affordabbli u *community living* fost l-oħrajn. Għal dan il-għan, diġa ġew identifikati aktar minn 40 sit fejn jistgħu jsiru dawn il-proġetti.



# Inċentivi
# għal kirjiet baxxi fit-tul

Fil-Baġit 2019, se nniedu miżuri li jinċentivaw lis-sidien biex jikru postijiet b'kirjiet baxxi għal mill-inqas 7 snin. Jekk dan isir, is-sid jingħata skont fuq it-taxxa tal-boll meta l-propjetá mbagħad tinbiegħ wara li jiskadi l-ftehim. Din ukoll ħa żżid il-provistá ta' Housing Affordabbli.





## Estiża l-iskema tal-first time buyers

Biex ngħinu aktar koppji żgħażagħ iwettqu l-ħolma tagħhom li jixtru propjetá, rajna li hu ġust li għal darb'oħra nestendu l-iskema tal-first time buyers, kif ukoll dik tas-second time buyers.

# Estiżi wkoll skemi oħra
## li jżidu l-istokk ta' housing soċjali

Dan il-Baġit ikkonferma l-progress li qed isir fuq diversi skemi li għandhom l-għan li jżidu l-istokk ta' akkomodazzjoni soċjali. Fost oħrajn, ġiet estiża l-iskema 'Nikru biex Nassistu' u l-programm ta' riġenerazzjoni ta' postijiet abbandunati permezz ta' għajnuna ta' €25,000, li mbagħad jinkrew għal housing soċjali. Anke l-iskema ta' loans affordabbli mal-APS u mal-BOV ġiet estiża.



# Il-White Paper qed tipproponi:

- Kuntratti aktar fit-tul għal aktar stabbiltà
- Reġistrazzjoni tal-kuntratti tal-kera
- Perjodu ta' avviż mill-inkwilin
- Avviż ta' reċess mis-sid
- Żidiet permissibbli
- Proċess ta' Żgumbrament
- Inventarju bir-ritratti u depożitu reġistrat
- Unit għall-Kirjiet Residenzjali
- Infurzar aħjar
- Soluzzjoni ta' tilwim

# White Paper tal-kirjiet

Ġiet ippubblikata White Paper fuq is-Suq tal-Kirjiet, li permezz tagħha se ġġib stabbiltá għal familji, trasparenza, u prevedibiltá.

Il-miżuri proposti japplikaw biss għal kirjiet residenzjali u ma jaffetwawx kirjiet għal użu kummerċjali, *short lets*, u kirjiet għal għan turistiku.



Int ukoll tista tipparteċipa f'din il-konsultazzjoni permezz tal-posta elettronika: **rentreform@gov.mt**



Dan se jwassal biex kemm is-sid, kif ukoll min jikri, ikunu protetti mill-abbużi u jingħatalhom is-serħan tal-moħħ li jixirqilhom. Nemmnu li m'għadux żmien biex min qiegħed f'dan is-settur jgħix fil-biża u fl-inċertezza. B'dawn il-miżuri, se nkunu qegħdin ukoll nagħmlu s-Suq tal-Kera aktar b'saħħtu.

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

